MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2001

Rikors Numru. 5/1992/1

Rikors Nru 5/92

Kummissarju tal-Artijiet

vs

Perit Joseph P. Mallia

Il-Bord,

Ra ir-rikors fejn ir-rikorrenti, wara li ppremetta:

Illi b'ittra ufficjali tal-27 ta' Mejju, l992 l-intimat gie notifikat b'kopja ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, fejn fost affarijiet ohra gie dikjarat li bicca art f'Hal-Qormi tal-kejl ta' 965 metri kwadri li tmiss mil-Lvant ma' proprjeta ta' Messrs Coleiro Bros Ltd, min Nofsinhar ma' proprejta tal-Gvern u mill-Punent ma proprjeta ta' Paul Bugeja hija

mehtiega ghall-Skopijiet Pubblici u li l-akkwist taghha ghandu jkun b'xiri assolut.

Illi l-intimat gie notifikat b'Avviz ghall-Ftehim fejn gie infurmat li l-kumpens li l-awtorita kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fuq imsemmija huwa ta' mitejn u disghin lira maltija (LM290.00,0) kif jidher mir-rapport tal-perit Alfred Briffa A & C.E. tas-l6 ta'  Dicembru l99l li estratt u kopja taghhom huma annessi mal-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tas-l8 ta' Gunju, l978, l-intimat fost affarijiet ohra jiddikjara li ma jaccettax il-kumpens offert u jitlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' sebghin elf lira maltija (LM70,000).

TALAB li dan il-Bord joghgbu

1) jordna lill-intimat biex jitrasferixxi favur ir-rkorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera il-bicca art fuq imsemmija,

2) jiffissa kumpens relattiv,

3) jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartimetn ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixsxi,

4) jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontuamci fuq l-att u jaghti l-provvedienti l-0ohra kollha mehtiega skon did-disposizzjonijeit tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijeit Pubblici (Kap. l36).

Ra ir-risposta tal-intimat li biha espona:

Illi l-kumpens offert m'hux xieraq, izda, kif gja spjegat fl-ittra responsiva tieghu, dan ghandu jkun ta' LM70,000 billi l-art in kwistjoni tikkonsisti f'hames plots fabbrikabbli kbar

tal-valur ta LMl4,000 kull plots, kif jirrizult amill-annessa stima tal-Perit Joseph Huntingford, markata dok PJM1.

Ra li d-dikjarazzjoni tal-President tar-Repubblika u l-Avviz ghall-Ftehim gew regolarment notifikati.

Ra l-atti kollha tal-procediment u d-dokumenti esebiti;

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art tal-1 ta Frar 1996 fejn talab li dan il-Bord jissoprassjedi sakemm ikun deciz il-punt legali specifiku indikat fit-tieni paragrafu tar-rikors li allegatament tqajjem mill-intimat fl-affidavit tieghu tat-13 ta Gunju 1995.

Ra r-risposta tal-intimat.

Ra d-degriet tieghu tat-22 ta Ottubru 1996 fejn cahad it-talba tar-rikorrent kif kontenuta fir-rikors tal-1 ta Frar 1996.

Ra d-degriet tieghu tat-22 ta Ottubru 1996 fejn ikkonferma in-nomina tal-AIC Frederick Valentino u tal-AIC Joseph Mizzi bhala membri teknici;

Semgha x-xhiedha prodotti u ra d-dokumenti li gew esibiti;

Semgha l-Avukati; u

Ikkunsidra:

Skond ir-relazzjoni tal-periti assessuri, hawn annessa, wara li gew mehuda in konsiderazzjoni l-fatturi kollha li jinfluwixxu fuq ix-xiri assolut kif regolat mill-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghall-Skopijiet pubblici, jistma li bicca art f'Hal-Qormi tal-kejl ta' 965 metri kwadri li tmiss mil-Lvant ma' proprjeta ta' Messrs Coleiro Bros Ltd, minn Nofsinhar ma' proprejta tal-Gvern u mill-Punent ma proprjeta ta' Paul Bugeja, indikata fir-rikors, u pjanta mieghu annessa u kif deskritta fl-istess rapport tal-membri teknici, bhala libera u franka, fis-somma ta sitt mija u hamsin lira (LM650).

Ghaldaqstant, jilqa' t-talbiet dedotti fir-rikors, u jordna favur ir-rikorrent it-trasferiment b'titolu ta' xiri assolut tal-imsemmija bicca art li bicca art f'Hal-Qormi tal-kejl ta' 965 metri kwadri li  tmiss mil-Lvant ma' proprjeta ta' Messrs Coleiro Bros Ltd, min  Nofsinhar ma' proprejta tal-Gvern  u mill-Punent ma proprjeta ta' Paul Bugeja kif murija bhala plot **8A** fuq **LD 336/73/B/6** (Fol. 9 tal-process), bhala libera u franka, versu l-kumpens stabbilit mill-periti assessuri fis-somma ta LM650.

Jinnomina lin-Nutar Dr. Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment tal-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv fit-12 ta Lulju 2001 fit-3.00 p.m. fl-ufficju tar-rikorrent u jinnomina lill-Avukat Dr. Kathleen Zarb Adami sabiex tidher ghall-kontumaci fuq l-att.

L-ispejjes ta' din il-procedura u dawk tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt jithallsu mir-rikorrent.

Dritt tal-periti assessuri Lm15 kull wiehed oltre l-ispejjes inkorsi minnhom ghall-ispezzjoni tal-art.

--------------------------------TMIEM--------------------------------